**IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**
**(Spettur Robinson Mifsud)**
**-vs-**
**Veselin Dimov DIMITROV**

Illum, 11 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Veselin Dimov DIMITROV detentur tal-karta tal-identità Bulgara 645965329,** aktar il-quddiem imsejjah l-estradant;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat l-24 ta' Jannar, 2018, mahrug fuq talba tal-Prosekutur Krasimir Ivanov, fi hdan l-Ufficju tal-Prosekutur Regjonali ta' Ruse, il-Bulgarija, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05);

Wara li rat il-Mandat t'Arrest datat id-19 ta' Jannar, 2018, mahrug mill-istess awtorita`;
Wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikoli 6A u 7 tal-istess Ordni mahrug fis-14 ta' Jannar, 2019;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-16 t' Jannar, 2019.

Wara li semghet l-abbli difiza tal-estradant tiddikjara li r-reati li ghalihom qed tintalab it-treggija tal-estradant huma reati estradibbli ai termini tal-artikolu 60(1)(3) u li ma hemm l-ebda *bar to extradition* ai termini tal-artikolu 13 tal-istess Ordni;

Wara li ai termini tal-artiklu 11 ta' l-Ordni, gie spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu gew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Bulgarija u li **mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità** koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn l-Bulgarija fi zmien ghaxart ijiem millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**